~~ruħ ta' Anġlu, safja u kiebja, u l-ġid ma tinsieħ qatt.~~

~~U fid-19 ta' Marzu, erba' snin ilu, Fra Baskal miet. Għal hekk, ma narahx aktar f'din id-dinja. Miet Ġerusalem, ta' ħamsa u tmenin sena. Ruħu bla ħjiena, ħafifa bħad-dawl, ittajret lejn is-Sema. Hemm nisthajjlu li għadu jiftakar fija, u nittama li jum m'hux bgħid, meta mmut jien ukoll u mmur inħabbat il-bieb tal-ġenna, insibu hemm jistennieni, u jarġa' jgħannaqni, u jgħidli bħal ma kien jgħidli fid-dinja: "Oh, Giovanni, Giovanni! Vieni, caro!"~~

~~GIOVANNI.~~

# FOST IL-KARTI QODMA

*Meta "Elsie" reġa' lura mill-Palestina, wara tnax-il sena li kien ilu hemm, sab l-ittri kollha li kien bagħat lil oħtu ma' tul daż-żmien merfugħin id-dar. Darba waħda qabad iqattagħhom. Imma meta kien qatta' xi nofshom, raġa' bdielu. Din hi waħda mill-ittri li ma laħaqx qatta' u għadha għandu sal-lum.*

jiena nħobb nitbaħrat, ngħid is-sewwa, u meta tiġi x-xoqqa f'moxtha, xejn ma jisgħob bija.

Biex tkun taf, jiena mort Nazaret fis-16 jew it-18 ta' Ottubru, domt hemm xahar u nofs, rajt wisq ħwejjeġ ta' min jarahom: il-Għar, fejn l-Anġlu ħabbar lil Madonna, is-Sinagoga, fejn il-Bambin kien imur jitgħallem,



Il-Knisja ta' San Ġużepp. Mibnija fuq il-ħanut tal-qaddis, fejn kien jagħmel imħaret u xtabi u għodda oħra tar-raba ma' Ġesù Bambin.

Emmaws, qrib Ġerusalem,
L-Aħħar jum tas-Sena, 1922.

Għażiża oħti,

L-aħħar darba ktibtlek minn Nazaret u l-lum qiegħed niktiblek minn Emmaws, qrib Ġerusalem. Kieku kont taf kemm hawn bgħid minn Ġerusalem sa Nazaret — xi ħames siegħat b'karozza tan-nar tvenven — kont taħseb li qiegħed nixxala ġmieli.

il-Blata ċatta, fejn ġie li kien imur jiekol mad-dixxipli tiegħu, u — l-aktar li għoġobni — il-Għar fejn kien jaħdem San Ġużepp u fejn trabba Ġesù, li kixfuh ftit qabel il-gwerra, wara li kien ilu mirdum u minsi mijiet ta' snin.

Dan il-Għar għadu ma hux mimsus, sewwa sew kif kien fi żmien Ġesù n-Nifsu. Huwa għar kbir u mrew-

waħ; fis-saqaf fih fetħa kbira, naħseb, minn fejn kienu jniżżlu l-ħatab biex jaħdmuh San Ġużepp u l-Bambin, għax id-daħla tal-għar dejqa wisq. Id-daħla qisha mina dejqa, twila xi għaxra jew tnax-il pass, li tinżel għalieha b'xi erba' tarġiet. Fil-blat, mal-ħajt hemm il-ħofor, fejn *xi ħadd xiħ* kien jgħin ruħu hu u tiela'! U fil-lemin tad-daħla tal-għar, hemm bħal mogħdija oħra dejqa, imniffda għat-tarġ, ġewwa l-għar, li minnha *xi tifel żgħir* kien jista' jidħol u joħroġ mingħajr ma jiftaħ il-bieb tad-dar; għax fuq id-daħla tal-għar, kien hemm dar żgħira — Hawn Emmaws, ma għandniex wisq tfal. Hawn tlettax-il wieħed. Ma għandix taħbit daqs kemm kelli Ġerusalem, imma x-xogħol donni naraħ itqal minn ta' qabel. B'dana kollu, meta jasal il-Ħadd u mmorru nduru dawra fuq l-igbla, kollox jgħaddi qisu qatt ma kien xejn.

Dis-sena l-Milied għaddejtu xott għall-aħħar. Lejliet il-Milied kellna l-iskola bħal dari. Fil-għaxija, wara l-ikel, it-tfal marru l-kamra tal-ħwejjeġ u ġiebu kemm brieret u kpiepel u trabax sabu, libsuhom u għamlu karnival bejniethom. F'xi d-disgħa u nofs



Faċċata u Kanpnar tal-Knisja ta' Emmaws.

il-ħanut, fejn San Ġużepp kien ibiegħ l-imħaret u x-xtabi li kien jagħmel.

Hemm wisq ħwejjeġ oħra, teftif żgħir, imma li tista' tagħraf minnu kif kienu jgħixu fid-dinja Ġesù, Marija u Ġużeppi, imma għal-lum ma niktiblekx wisq. Jista' jkun li niktiblek darba oħra.

Min-Nazaret ġejt Ġerusalem bil-vapur tal-art. Jiġifieri, mort Hajfa bil-karozza tan-nar u minn hemm tlaqt f'nofs inhar nieqes kwart bil-vapur għal Ġerusalem, u wasalt fis-sitta u nofs ta' fil-għaxija.

morna nilgħabu t-tombla sal-ħdax u kwart ta' bil-lejl, imbagħad ħadna kikkra waħda tè u morna l-knisja. F'nofs il-lejl ħarġet il-quddiesa. Domna l-knisja sas-siegħa ta' bil-lejl. Imbagħad mort norqod u domt rieqed sas-sitta ta' fil-għodu. Dan kien il-Milied kollu tiegħi dis-sena. Nittama li intom, hemm Malta, għaddejtuh aħjar.

Jiena ġejt hawnekk għal ftit taż-żmien. F'Marzu li ġej aktarx narġa' mmur Nazaret. Ibgħatli xi ktieb bil-Malti, għax marridx ninsa l-ilsien għa-

żiż ta' Malta. Ibagħtli "Malta Qadima", dak li għandna d-dar, m'hux issa, imma meta ngħidlek li mort Nazaret, għax hawn għandi biex inħabbat rasi ż-żejjed.

Inselli għalikom ħafna. Ibqgħu itolbu għalija. Għandi mitt sena sa kemm narġa' nara Nazaret u ngħix għal ftit ieħor fejn għex Ġesù meta kien daqsi.

Ħuk iż-żgħir,

ELSIE.

---

# IL-PATRI ĠENERAL TAL-FRANĠISKANI

## JŻUR L-ART IMQADDSA

X'jiġifieri *Patri Ġeneral*, l-ewwel nett? Patri Ġeneral tfisser dak il-Patri li jkun rajjes tal-Patrijiet kollha ta' l-Ordni tiegħu. Għalhekk, Patri Ġeneral *tal-Franġiskani* tfisser dak il-Patri li jikkmanda l-Patrijiet kollha ta' "Ġieżu" fid-dinja kif iddur. L-ewwel Ġeneral kien San Franġisk ta' Assisi, u l-Ġeneral tal-lum huwa dan li aħna nsemmu: Patri Agostin Sepinski, O.F.M.

Dan hu t-tielet Ġeneral tal-Franġiskani li żar l-Art Imqaddsa, wara San Franġisk. L-ewwel wieħed kien ir-Rev.mu P. Luigi Canali, O.F.M., li mar hemm f'April 1893, u t-tieni r-Rev.mu P. Leonardo Bello, O.F.M., li żarha f'Marzu 1934.

Għal fejn mar il-Palestina, il-Patri Ġeneral? Mar, bejn wieħed u ieħor għal dak il-għan li għalih xi sultan imur idur dawra u jiftaqad l-artijiet tas-saltna tiegħu. Għax id-dehra tal-kbir tagħti s-saħħa liż-żgħar. Hekk, bil-mawra tiegħu fl-Art Imqaddsa, il-P. Ġeneral Sepinski ra b'għajnejh il-ħidma tal-Franġiskani, sħabu u wliedu, u huma bid-dehra tiegħu u minn kliemu, ħadu saħħa ġdida biex itemmu b'wiċċ il-ġid ix-xogħolijiet li għandhom f'idejhom u wara jibdew xogħlijiet ġodda, dejjem u kollox għas-sebħ tal-Bambin.

Hawn inġibu fil-qasir x'għamel il-Patri Ġeneral kemm dam fost il-Franġiskani sħabu ta' l-Art Imqaddsa u nibdew mill-Eġittu, fejn għandhom kemm il-knisja wkoll. Hekk, ħin wieħed, min jaqra jagħraf ix-xogħlijiet (ħafna minnhom, m'hux kollha, għax biex issemmihom kollha trid żmien wisq) li huma jagħmlu l-Franġiskani fl-artijiet tax-Xerq.

Il-Patri Ġeneral wasal il-Kajr fil-ħdax u nofs ta' bil-lejl, fis-6 ta' Awissu li għadda. Il-għada fil-għodu qaddes, u wara mar għamel żjara twila liċ-Ċentru ta' l-Istudji Orjentali li għandhom il-Franġiskani hemmekk.

Fit-8 tax-xahar, fil-għodu qaddes fil-Knisja ta' San Ġużepp, li għandhom il-Franġiskani hemm u telaq lejn Lixandra. Hemm żar dik li jgħidulha Opra Orjentali, għall-konverżjoni tal-Koptin Xiżmatki u l-Parroċċa ta' Ibrahimija.

Il-għada, qaddes fil-Knisja ta' Santa Katarina ta' Lixandra u raġa' telaq lejn il-Kajr. Mill-Kajr, fl-erbgħa u nofs wara nofs inhar telaq bl-ajruplan lejn Bejrut, fejn wasal fis-sitta u nofs ta' fil-għaxija.

Fil-10 tax-xahar, qaddes fl-Ospizju ta' l-Art Imqaddsa u għamel żjara lill-Insara ta' Harissa. Fit-tlieta u nofs telaq bl-ajruplan lejn Ġerusalem. Wasal fil-mitjar ta' Kalandja fit-tlieta u nofs. Kotra kbira ta' nies u rjus kbar kienu jistennewh f'Bab il-Ħalil. Minn hemm mar bil-mixi u għamel id-Daħla fil-Knisja tad-Dejr il-kbir tal-Franġiskani, li jgħidulu San Salvatur. Il-